**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Dr Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Numru 577/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Maria Carmela Mallia**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2021

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Maria Carmela Mallia detentriċi tal-karta tal-identita' numru 396339 (M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fix-xahar t'April 2016 u fix-xhur ta' qabel ġewwa l-fond 139 Dolphin Court, Triq il-Parades, San Pawl il-Baħar bla ħsieb li tisraq jew tagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss sabiex tezerċita jedd li tippretendi li għandha gegħlet bl-awtorita' tagħha nnifisha lil Ġużeppi Vella jħallas dejn jew fixklitu fil-pussess ta' ħwejġu jew ħattet bini jew kisret il-mixi tal-ilma,

jew b'xi mod ieħor kontra l-ligi, indaħlet fi ħwejjeġ Ġużeppi Vella.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, ai termini tal-artikolu 377(3) tal-Kap 9 tordna t-tneħħija ta' kull diżordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat jew li tordna lill-akkużata sabiex tikkonforma ruħha mal-liġi fi żmien mogħti lilha taħt dik il-penali li jogħġobha timponi l-Qorti fin-nuqqas.

Rat is-sentenza tal-24 ta' Novembru 2016 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha sabet lil Maria Carmela Mallia ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontra tagħha u ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta illiberatha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena minn dakinhar;

Il-Qorti ordnat ukoll lil Maria Carmela Mallia sabiex, ai termini tal-artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali, terġa' twaħħal il-ħbula tal-inxir eżistenti qabel dan l-inċident fi żmien xahar mil-lum taħt penali ta' għaxar ewro kull jum għal kull ġurnata ta' ritard.

Rat l-appell ta' Maria Carmela Mallia intavolat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Diċembru, 2016 li bih talbet ir-**revoka** tas-sentenza appellata u alternattivament **tirriformaha** billi **tirrevoka** l-ordni biex ikunu nstallati l-pilastri u l-ħbula tal-inxir u **tħassar** u tirrevoka l-ordni taħt l-artikolu 383 li permezz tiegħu l-appellanti kienet marbuta wara l-għoti tas-sentenza;

Rat l-aggravji tal-appellanta;

Semghet lix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat.

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma semplicement illi l-imputata, *qua* sid ta' blokka appartamenti b'wiehed minnhom mikri lill-parte civile, nehhiet arblu u habel tal-inxir li kien hemm fuq il-bejt tal-blokka, liema habel kien jintuza mill-istess parte civile u dan minghajr il-kunsens tieghu. L-imputata tikkonferma dan l-agir hlief li sar ad insaputa tal-parte civile u li fil-fatt ghamlet hekk peress illi l-arbli kienu sors ta' hafna hsara lill-hajt fejn twahhlu. Ghal precizzjoni, l-imputata kienet ukoll nehhiet xi arblu u antenna tat-TV kif ukoll il-ventijiet li jappoggjawh li ukoll kienu tal-parte civile izda l-Qorti ma sabet ebda htija f'dan u ghalhekk l-parte civile donnu ma wera ebda interess f'dawn tal-ahhar, xorta wahda huma rilevanti ghar-risoluzzjoni tal-kwistjoni odjerna kif ser ikun spjegat aktar 'l quddiem;

2. L-ewwel gravam mressaq mill-appellanta huwa dwar l-interpretazzjoni tal-provi u tressaq l-argument ghal-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti li ma kienux pruvati l-elementi kollha tar-reat kif ipotizzat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali;

3. Kif tajjeb osservat l-appellanti fir-rikors tal-appell, l-elementi tar-reat ipotizzat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali dan ir-reat huma erbgha. Dawn l-elementi ilhom hekk meqjusa sa mill-1944 mis-sentenza Il-Pulizija vs Giuseppe

Bonavia et (App Krim 14.10.1944 riportata fil-Vol. XXXII – IV, p.768);

4. L-insenjament emergenti mis-sentenza appena citata hu li r-reat in dizamina jehtieg il-konkorrenza tas-segwenti erba elementi: a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna; b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt; c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali; d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi. Matul is-snin dawn l-elementi assumew xi tibdil fil-mod kif inhuma deskritti, izda fil-fehma tal-Qorti dan ma jbiddel xejn mis-sustanza taghhom. (ara per ezemplari Il-Pulizija vs Carmel mgharuf bhala Charles Farrugia App Krim 17.2.1995; Il-Pulizija vs Reno Micallef App Krim 6.6.95 u Il-Pulizija vs Mark John Sciberras App Krim 18.9.2002;

5. L-ewwel element: att estern li **jispolja** lil xi hadd minn xi haga li ikun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor. Huwa fatt ammess mill-imputata illi dan il-habel tal-inxir u l-pilastru li mieghu kien marbut tnehhew minnha. Issa, l-parte civile xehed illi ilu joqghod hemm ghal dawk l-ahhar tletin sena u kien ilu ma jaghmel uzu mill-bejt ghal-skopijiet ta' nxir ghal madwar sena u nofs qabel. Gara izda illi meta l-imputata rat il-hsara li kien hemm mal-hajt fejn kien mwahhal dan l-arblu u dak tal-antenna tat-televizjoni, staqsiet lill-parte civile jekk kellux bzonn l-arblu u qal li kien qed jistenna lil xi familjari biex jigi jnehhieh minn hemm. L-imputata ssuggeriet li jista' jitnehha mill-haddiem taghha u jtih xi haga

fil-forma ta' hlas izda ghal dan is-suggeriment ta' hlas l-parte civile ingibed lura u l-imputata qaltlu biex ma jinkwieta xejn u tiehu hsieb kollox hi;

6. Minn hemm kienet konvinta li l-parte civile kien taha l-permess tieghu biex jitnehha l-arblu u waqt dan ix-xoghol l-haddiem nehha ukoll l-arblu u l-habel tal-inxir li l-imputata tghid li qatt ma ratu jintuza, fis-sens li qatt ma rat hwejjeg minxurin fuqu. Dan kien kawza ta' hsarat fil-hajt u dan jirrizulta korroborat mir-ritratti esebiti. Wara li dan tnehha, kien impossibbli li jerga' jkun stallat qabel ma jsiru r-riparazzjonijiet mehtiega izda dan ma setghax ikun intrapriz hlief wara d-decizzjoni ta' din il-Qorti. Ukoll sussegwenti din it-tnehhija, l-imputata offriet lill-parte civile li juza parti ohra tal-bejt jekk jixtieq u li ma kellha xejn kontra li juza l-bicca originali biex jonxor li kieku seta jerga jitwahhal dan l-arblu. Kwantu dan l-element, il-Qorti sejra ghall-mument tieqaf hawn sabiex ikun diskuss it-tieni wiehed;

7. Fit-tieni element jehtieg li tkun pruvata: <u>il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt</u>. Minn dak li semghet il-Qorti, l-agir tal-appellanta ma jistghax jitqies b'dan l-animu. U hawn jorbot ma' dak osservat supra illi kien hemm l-intendiment li jitnehha l-arblu tal-televizjoni bil-kunsens tal-istess parte civile. Waqt ix-xogholijiet l-haddiem tal-imputata inghata struzzjonijiet sabiex inehhi l-hsara rimarrenti kawzata bl-arblu tal-inxir;

8. Kif spjegat imbaghad fis-sentenza Il-Pulizija vs Mario Lungaro – App Krim 15.11.1996, "*Hu rrelevanti jekk dina l-*

*intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika. Fi kliem il-gurista Antolisei: "Quanto all-elemento soggettivo generalmente si afferma che occorre un dolo specifico, il-quale sarebbe costituito dal fine di esercitare un preteso diritto. Questa opinione deriva da una inesatta nozione del dolo specifico. Il-fine di esercitare un preteso diritto, invero non e' altro che l'intenzione di farsi ragione da se' medesimo, e siccome questo "farsi ragione ecc." Non e' un quid che sta al di la' del fatto che costitusico il reato, ma il fatto medesino (azione ed evento), il-dolo richiesto deve ritenersi generico, e non specifico" (Antolisei, F.,* ***Manuale di Diritto Privato – Parte speciale, Vol II, Giuffre' (Milano)*** *1986, p.968)".* Kif spjegat mill-appellanta fid-deposizzjoni taghha, bhala sid tal-blokka kellha l-interess li tnehhi l-hsara bir-rimozzjoni tal-arblu li fil-fehma taghha ma kien jappartjeni lil-hadd u ma tafx min qieghdu hemm snin ilu u ma tafx li qatt intuza.

9. Dawn il-fatti ma humiex sintomatici ta' azzjoni maghmula bl-animu la spoljattiv u wisq anqas bil-kredenza ta' dritt spettanti lilha la darba ma kienitx taf min qieghed dak l-arblu hemmhekk snin ilu, qatt ma rat xi hwejjeg minxurin u ma kienx hemm oggezzjoni ghat-tnehhija tieghu;

10. Illi ghalhekk l-azzjoni tal-appellanta gia timmanifesta ruhha 'l hinn mill-ewwel zewg elementi tar-reat in dizamina li jwassal ghall-konkluzzjoni li ma kienx ragjonevoli sejbien ta' htija f'dan ir-reat. Konsegwentement ma hemmx htiega li jkunu ezaminati l-elementi l-ohra tar-reat kif ukoll l-aggravji l-ohra;

11. Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn dan l-appell billi thassar is-sentenza appellata, ma ssibx lil-imputata hatja u tilliberaha minn kull htija u piena.